Kunsill Lokali Ħal Balzan

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 76

Data tal-laqgħa: 29 ta' April 2024

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Dr Angelo Micallef – Sindku (AM)
Mary Louise Briffa – Viċi Sindku (MLB)
Stephen Gatt - Kunsillier (SG)
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier (ONDG)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Andrè Grech – Kunsillier (AG)

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku, AM ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fl-4.08pm.

## 76.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

76.1.1 Is-Sindku qal li l-Kunsillier AG infurma li ma setgħax tattendi għal-laqgħa u għalhekk unanimament ġie skużat.

## 76.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

76.2.1 Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Minuti ta' Laqgħa Nru. 75 u Laqgħa tal-Lokalità Nru. 8. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

76.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Kunsillier ONDG, li kien issekondat mill-Kunsillier SG, il-minuti ġew approvati.

## 76.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

76.3.1 Para 75.3.1 – Dawl dekorattiv
L-*electrician* ġab id-dawl li jaħdem bis-sistema solari li jista' jeħel mal-arbli tal-bnadar biex nippruvawh.

76.3.2 Para 75.3.2 – *Residential Parking Scheme*
L-AKL infurmaw li għadhom qed jistennew direzzjoni dwar din l-iskema.

76.3.3.1 Para 75.3.3 – Talba biex terġa' teħel il-bozza (issa fuq arblu) fi Triq il-Karenza k/m Triq il-Ferrovija l-Qadima
Ġiet innutata r-risposta tal-avukat tal-Kunsill, fejn qed jgħid li l-ispejjeż biex terġa' teħel il-bozza jridu jitħallsu mill-iżviluppatur. Il-Kunsill qabel li nimxu fuq il-parir tal-avukat u għalhekk se ninfurmawh biex jikteb lill-iżviluppatur f'dan ir-rigward.

76.3.3.2 Is-Sindku staqsa fuq il-bozoz li kellhom jerġgħu jitwaħħlu mal-binja Benrikville. Is-SE qalet li ser ssir laqgħa mal-kuntrattur tal-bozoz.

76.3.3.3 Is-Sindku staqsa wkoll fuq l-istat tat-triq. Is-SE spjegat li qed tistenna kwotazzjoni tal-ħsara sabiex inkunu nistgħu nagħmlu talba formali mal-PA biex it-triq tiġi rranġata bil-garanzija bankarja ta' dan l-iżvilupp.

76.3.4 Para 75.3.6 - Ċirkulari Nru SPI/SCI/01/2024 – Skema dwar Restawr ta' Postijiet / Monumenti Storiċi f'Malta 2024 / 2025
Fuq l-applikazzjoni sottomessa, is-SE infurmat li għadna qed nistennew risposta.

76.3.5 Para 75.3.7 - Skema Finanzjarja LESA – Proġetti fil-Komunitajiet 2024
Is-SE infurmat li għadna qed nistennew risposta fuq l-applikazzjoni sottomessa għal din l-iskema.

76.3.6 Para 75.3.8 - Talba biex issir *zebra crossing* fi Triq il-Kbira
Is-SE infurmat li TM qed jitlobuna nindikaw il-post eżatt ta' fejn qed nipproponu li ssir *ż-zebra crossing.* Ġie ssuġġerit li ssir viċin l-*ex-Dolphin* biex ma jintilifx parkeġġ. Se ssir spezzjoni biex nidentifikaw l-post eżatt.

76.3.7 Para 75.3.9 - Talba għal *un/loading bay* f'Wied Ħal Balzan
Is-SE infurmat li għadna qed nistennew l-approvazzjoni minn TM.

## 76.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

76.4.1 Triq il-Kbira
Is-Sindku infurma li saret laqgħa fil-pjazza mal-Perit ta' IM u l-Perit tal-Kunsill dwar ix-xogħlijiet proposti. Il-Perit ta' IM qabel lis-servizzi jgħaddu mill-bankina biex il-pavimentar tal-pjazza ma jinqalax. Kif intqal fil-laqgħa li għaddiet ix-xogħlijiet fi Triq il-Kbira se jibdew wara l-festa u IM se joħorġu tender ġdid li se tinkludi l-proposta tal-i*Storm Water System.*

76.4.2 Triq Idmejda

Is-Sindku infurma li sar l-ewwel saff ta' *tarmac.* Il-Perit tal-Kunsill ikkomunika mal-Perit ta' IM xi tħassib dwar ir-riskju lit-triq tibda żżomm l-ilma. Is-Sindku ppropona li kif jingħata t-tieni saff nitolbu l-Perit tal-Kunsill biex jagħmel spezzjoni u jekk isib xi problemi, ninfurmaw immedjatament lill-IM. Il-Kunsill qabel.

76.4.3.1 Triq San Franġisk
Is-Sindku infurma li sal-lum għadna ma rċevejniex risposta dwar meta se tkun lesta t-triq.

**F'dan il-ħin (4.25pm) daħlet il-Viċi Sindku MLB għal-laqgħa.**

76.4.3.2 Is-Sindku infurma li fil-laqgħa li kellu mal-*Community Police* semma numru ta' diffikultajiet li qed ikun hawn minħabba nuqqas ta' infurzar, partikularment sewqan *wrong way* minn Triq San Franġisk iduru l'isfel fi Triq il-Kbira, Triq Ġuże' Bonnici u Triq Wiġi Ebejer.

76.4.3.3 Il-Kunsill iddiskuta u kien hemm qbil li nitolbu lill-IM biex sakemm titlesta Triq San Franġisk, Triq il-Kbira (bejn Triq San Franġisk u Wied Ħal Balzan) issir *two-way* u Triq San Franġisk (bejn Triq il-Kbira u Triq it-Tabib J. Zammit isiru *two-way* għar-residenti tat-triq biss. Apparti minn hekk, se nitolbu għal infurzar fil-ħinijiet tad-dħul u l-ħruġ tat-tfal mill-iskola, speċjalment fuq parkeġġ illegali.

76.4.3.4 Il-Kap tal-iskola San Alwiġi qed titlob li sakemm titlesta Triq San Franġisk jiġi sospiż ir-*residential parking* li hemm fiż-żona. Il-Kunsill iddiskuta u bi tliet (3) (AM, MLB u ONDG) voti kontra wieħed (1) (SG) din it-talba ma ġietx approvata.

76.4.4 Xogħlijiet li qed isiru minn Enemalta plc
Enemalta plc infurmawna lit-tqegħid tal-*cable* tal-ewwel fażi se jkun lest sa nhar il-Ħamis li ġej u sal-bidu tal-ġimgħa d-dieħla l-kuntrattur se jibda jagħlaq it-trinka. Is-Sindku ser ikun qed jikteb lill-Enemalta plc minħabba d-dewmien ta' dawn ix-xogħlijiet u għall-fatt li l-kuntrattur qed jaħtaf lin-nies meta jċemplulu għall-informazzjoni.

## 76.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

76.5.1 Il-Kunsillier SG staqsa dwar jekk il-Kunsill oġġezzjonax għal proposta tar-*road alignment* tal-parking tal-Big Ben. Is-Sindku infurma li l-Kunsill ser ikun qed jissottometti oġġezzjoni hekk kif tidħol l-applikazzjoni mal-PA.

## 76.6 Aġġustamenti proposti mill-Awdituri tal-Gvern għar-Rapport Finanzjarju għas-sena 2023

76.6.1 Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għas-sena 2023 kif emendat wara li sar l-*audit*. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. L-*accountant* ta spjegazzjoni fuq l-aġġustamenti li ġew proposti mill-Awdituri.

76.6.2 Fuq proposta tal-Viċi Sindku MLB, li kienet issekondata mill-Kunsillier ONDG, dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

## 76.7 Rapporti

76.7.1 Rapport Finanzjarju għal-ewwel kwart minn Jannar sa Marzu 2024
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għall-ewwel kwart li jkopri l-perjodu minn Jannar sa Marzu 2024. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. L-*accountant* ta xi spjegazzjonijiet lill-Kunsill.

76.7.2 Fuq proposta tal-Viċi Sindku MLB, li kienet issekondata mill-Kunsillier ONDG, dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

## 76.8 Vettura Elettrika

76.8.1 Is-SE infurmat lit-talba biex tinxtara l-vettura elettrika permezz ta' *Direct Order* ġiet approvata mid-DGL u għalhekk il-vettura Kia Niro ġiet ordnata immedjatament. Il-vettura se tkun disponibbli sal-aħħar ta' din il-ġimgħa hekk kif jgħaddi l-pagament.

76.8.2 Peress li *charging pillar* jiswa madwar €2K, kien hemm qbil li għalissa nużaw il-*points* pubbliċi. Jekk il'quddiem naraw li l-vettura qed tiġi ċċarġjata spiss, il-Kunsill jikkunsidra li jinstalla *charging pillar* quddiem l-uffiċċju.

76.8.3 Is-SE se tagħmel kuntatt mas-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali sabiex nistiednu lill-Onor. Alison Zerafa Civelli biex jiġi inawgurat is-servizz ta' *shuttle* għall-anzjani.

## 76.9 Trasport Pubbliku – Rotot 54 u 106

76.9.1 Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill proposta tal-Kunsill Lokali Ħal Lija biex jinbidlu rotot 54 u 106 bi qbil mal-MPT.

76.9.2 Il-Kunsill irrimarka li din il-proposta m'hu ser tħalli l-ebda benefiċċju anzi ser tħalli mpatt negattiv għal Ħal Balzan għax:

1. Is-servizz ser jitnaqqas peress li ser tkun qed titneħħa waħda mill-*bus stops* ewlenin (St Mary) qed titneħħa. Persuni li jużaw din il-*bus stop* ser ikunu sfurzati jimxu sa Triq Ġuże' Bonnici jew imorru Ħal Lija għal *bus stop;*
2. Se jintilfu numru ta' *parking bays;*
3. Se jinħoloq periklu kbir fi Triq Ġuże' Bonnici, jekk il-karozzi tal-linja jitħallew jgħaddu *one-way* minn Triq Sir Antonio Micallef għal Triq Ġuże' Bonnici. Din it-triq hija dejqa ħafna u tintuża ħafna peress li hija waħda mill-ħruġ prinċipali mill-qalba tar-raħal; u
4. Ser titneħħa l-*bus shelter* tal-pjazza, peress li l-*bus stop* se jersaq għal Triq Ġuże' Bonnici. F'din it-triq m'hemmx spazju għal *bus shelter.*

76.9.3 F'dan ir-rigward il-Kunsill unanimament qed joġġezzjona għal din il-proposta.

## 76.10 Skemi Finanzjarji

76.10.1 <u>Skema Finanzjarja - Għajnuna lill-NGOs</u>
Is-SE infurmat liż-żewġ Każini tal-Banda wrew interess li jipparteċipaw f'din l-iskema. Il-Każin tal-Football infurmawna li mhux se jipparteċipaw. Għalhekk il-Kunsill approva li l-ammont ta' €3K jinqasam ugwalment bejn iż-żewġ Każini.

76.10.2.1 <u>Għajnuna Finanzjarja mir-Reġjun Tramuntana – Libreriji</u>
Ir-Reġjun infurma li ma jsibu l-ebda problema jekk il-Kunsill joffru kotba liż-żewġ skejjel għal-libreriji tagħhom permezz ta' din l-iskema. Għalhekk il-Kunsill approva li l-ammont ta' €2K jinqasam ugwalment bejn l-iskola Primarja Lija/Balzan/Iklin u l-iskola Primarja ta' San Alwiġi.

76.10.2.2 Se ninfurmaw liż-żewġ skejjel biex sal-laqgħa li jmiss jipprovdulna lista ta' kotba li jixtiequ jixtru biex jinxtraw u jiġu ppreżentati mill-Kunsill. Jew inkella nippreżentawlhom *voucher* biex jixtru l-kotba huma.

76.10.3 <u>Skema Finanzjarja għall-Proġetti ta' Kulturali u Artistiċi</u>
Dwar il-wirja tal-arti, il-Kunsillier SG infurma li ma baqax żmien biex din tiġi organizzata sax-xahar id-dieħel però se jipprova xorta jagħmel xi arranġamenti u jinfurma lill-Kunsill bid-dettalji permezz tal-*email*.

76.10.4 <u>Skema 'Ġonna fl-Urban'</u>
Ġiet innutata Skema maħruġa mir-*Rural Affairs Department* fi ħdan l-MAFA. Ġie nnutat li fil-lokalità m'hawnx fejn jitħawwlu aktar siġar għalhekk il-Kunsill mhux se japplika għal din l-iskema.

## 76.11 Toroq li qed / ser isiru minn Infrastructure Malta

76.11.1 Dan l-*item* ġie diskuss f'*item* 76.4 – Komunikazzjoni mis-Sindku.

## 76.12 Kommemorazzjoni ta' personalitajiet lokali

76.12.1 Dan l-item se jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss peress li sal-lum m'hemm l-ebda aġġornament.

## 76.13 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

76.13.1 Kwotazzjoni għall-uniformijiet tas-sajf
Il-Kunsill unanimament approva l-kwotazzjoni biex jinxtraw l-uniformijiet tas-sajf tal-impjegati klerikali u tas-SE.

76.13.2 Dawl fi Triq B. Bontadini
Il-Kunsill unanimament approva kwotazzjoni biex tiġi installata bozza ġdida fuq arblu eżistenti fi Triq B. Bontadini (viċin Triq P. P. Castagna).

76.13.3 Spralli f'Wied Ħal Balzan
IM infurmaw lill-Kunsill li peress li għaddew il-ħames (5) mit-tlestija tat-triq, il-manutenzjoni, kif ukoll t-tindif tal-ispralli għandu jsir mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li nqabbdu kuntrattur sabiex jagħmel tindif u manutenzjoni ta' dawn l-ispralli.

76.13.4.1 Qsari f'Wied Ħal Balzan
Residenta infurmatna li hemm seba' (7) bramel li qed jintużaw bħala qsari f'Wied Ħal Balzan k/m Triq it-Tabib J. Zammit. Il-Kunsill se jieħu ħsieb jixtri *pots* biex jitħawwlu l-pjanti fihom minflok jitħallew fil-bramel. Ir-residenta ser tiġi nfurmata biex tkun preżenti meta jkun se jsir ix-xogħol.

76.13.4.2 Is-Sindku talab biex nibgħatu *reminder* lill-Maltapost sabiex jagħmlu manutenzjoni tal-kaxxa tal-posta li hemm fl-istess kantuniera.

76.13.5.1 *Sleeping policeman* fi Triq l-Għerusija
Resident fi Triq Daniel Sammut, Ħal Lija qed jitlob li ssir *sleeping policeman* fi Triq l-Għerusija qabel ma toħroġ għal Triq Daniel Sammut għax l-istop sign mhux qed tiġi osservata. Dan qed jikkawża riskju ta' aċċident, meta jkun ħiereġ mill-garaxx. Is-SE infurmat li diġà hemm tumbata fil-kantuniera. Ir-resident qed jinforma li din kienet saret biex ma jżommx ilma fi Triq l-Għerusija.

76.13.5.2 Il-Kunsill irrimarka li huwa veru lit-tumbata kienet saret biex ma jżommx ilma, però qed isservi ta' *sleeping policeman* ukoll.

76.13.6 MC Bay ġdida fi Triq Patri Ġużè' Delia
Ġiet innutata *email* minn residenti li qed jilmentaw minħabba l-MC Bay ġdida li saret quddiem id-dar tagħhom peress li ntilef spazju ta' parkeġġ. Is-SE infurmata li l-MC Bay saret wara li residenta talbet li jsir 1m dyl mal-ġenb tal-garaxx tagħha peress li kien qed jiġi ostakolat l-aċċess. Ġie nnutat li dan l-ispazju bejn żewġ garaxxijiet huwa twil 4m. Meta tnaqqas il-1m dyl li kull garaxx huwa ntitolat għalih, ma jibqax spazju għall-parkeġġ regolari, li skond il-linji gwida ta' TM ma jistax ikun anqas minn 4.8m.

76.13.7.1 Talba għal permess
Saret talba biex tingħalaq parti minn Triq il-Ferrovija l-Qadima għal tlett (3) ijiem biex isir xogħol ta' *waterproofing* ta' blokka flats permezz ta' krejn.

76.13.7.2 Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol għandu jsir fl-inqas qasir żmien possibbli għax se jinħoloq inkonvenjent kbir jekk tingħalaq din it-triq għal tlett (3) ijiem sħaħ, wara li tinfetaħ Triq San Franġisk għat-traffiku. Se ninfurmaw lill-applikant jekk jistax juża makkinarju iżgħar biex ma jkollux bżonn jagħlaq it-triq. Se ninfurmawh ukoll jekk hux possibbli jaħdem *weekends* bejn it-3.00pm u t-8.30pm, peress li f'dawn il-ħinijiet ikun hemm ferm inqas traffiku.

**F'dan il-ħin (5.36pm) il-Viċi Sindku MLB talbet li tiġi skużata mil-laqgħa.**

76.13.8.1 Bankina f'Wied Ħal Balzan
Residenta ilmentat fuq il-bankina li hemm quddiem Pro-Kitchen peress li perikoluża ħafna biex timxi fuqha għax wieqfa u tiżloq. Is-SE qalet li infurmat l-Perit ta' IM dwar dan u infurma li din il-bankina kienet saret minn IM skond l-i*standards* meta saret it-triq u sid il-ħanut kien iddeċieda li jimmodifika b'dan il-mod. Il-Perit issuġġerixxa li nirrapurtaw il-każ lis-CRPD, TM u PA.

76.13.8.2 Il-Kunsill qabel u se jsir rapport għall-infurzar.

## 76.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

76.14.1 Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti nru. 04/24, li tinkludi l-ammont ta' €108.55c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Marzu 2024.

76.14.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier ONDG li kien issekondat mill-Kunsillier SG. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 76.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

76.15.1 Il-laqgħa ntemmet fis-5.45pm.

76.15.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 28 ta' Mejju 2024 fl-4.00pm.

Konfermati, illum it-Tlieta, 28 ta' Mejju 2024.

IFFIRMATA

Dr Angelo Micallef
Sindku

IFFIRMATA

Doriette Farrugia
Segretarju Eżekuttiv